

Brussell, 16 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5208/26

AG 3
INST 6
PE 2
FIN 79
DATAPROTECT 15
DISINFO 2
FREMP 4

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 11 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'5.1.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 11 final.

Mehmuż: C(2026) 11 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.1.2026
C(2026) 11 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'5.1.2026

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Etika,
Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej”**

(Il-verżjoni bil-lingwa Taljana biss hija awtentika)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'5.1.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej”

(Il-verżjoni bil-lingwa Taljana biss hija awtentika)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Diċembru 2025, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej”.
- (2) Dik it-talba ssegwi t-talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Etika u Trasparenza għal Governanza Ewropea Responsabbli”, li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2025.
- (3) Permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2025 (C(2025) 8400 final), skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2019/788, il-Kummissjoni infurmat lill-grupp ta' organizzaturi li fir-rigward tat-talba għar-reġistrazzjoni mressqa fis-7 ta' Novembru 2025, ġew issodisfati r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (d) u (e) ta' dak ir-Regolament u li l-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tiegħu ma kienx applikabbli. Madankollu, il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-inizjattiva ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/788. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħa li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni biex tintroduċi standards għall-għażla tal-kandidati għall-Parlament Ewropew.
- (4) Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-organizzaturi skont l-Artikolu 6(4), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788 li jistgħu jew jemendaw l-inizjattiva biex iqisu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jew iżommu, jew jirtiraw, l-inizjattiva inizjali f'konformità mal-Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (5) Fil-5 ta' Diċembru 2025, il-grupp ta' organizzaturi ressaq inizjattiva emendata.
- (6) L-iskop tal-inizjattiva emendata kif espressa mill-organizzaturi huwa li “jiffassal mudell Ewropew ta' governanza etika bbażat fuq it-trasparenza, l-integrità u r-

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

responsabbiltà kondiviża”. Għal dan l-għan, l-organizzaturi jistiednu lill-Kummissjoni “tipproponi att leġiżlattiv li jemenda u jissikka r-Regolament (UE) Nru 1141/2014 dwar il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u jintroduċi rekwiżiti aktar stretti fir-rigward ta’”: “l-integrità u l-prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess”; “it-trasparenza interna u t-trasparenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet”; “ir-responsabbiltà etika tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet”; “il-pubblikazzjoni tal-kriterji tal-għażla u l-proċeduri interni użati meta l-partiti u l-fondazzjonijiet jagħżlu r-rappreżentanti”; “il-mekkaniżmi għat-twettiq ta’ kontrolli regolari fuq imġiba mhux etika”; “l-għoti ta’ finanzjament pubbliku Ewropew ikun kundizzjonali fuq il-konformità verifikabbli ma’ dawn l-istandards”. Anness li hemm mal-inizjattiva emendata jipprovdi aktar dettalji dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-objettivi tagħha.

- (7) Il-Kummissjoni tqis li tista’ tadotta proposta biex temenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Ottubru 2014, dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej², sabiex tintroduċi rekwiżiti aktar stretti dwar il-governanza tal-partiti politiċi Ewropej.
- (8) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (9) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f’dan il-każ.
- (10) Il-grupp ta’ organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta’ kuntatt f’konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta’ dak ir-Regolament.
- (11) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata “Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Politiċi Ewropej” tiġi rreġistrata.
- (13) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b’xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta’ organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista’ jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej iħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014; data tad-dħul fis-seħħ: it-28 ta’ Diċembru 2025.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata “Etika, Trasparenza u Integrità għall-Partiti Poliċi Ewropej”, irrappreżentata minn Gian Elio DE MARCO u Jean-Pierre SAULNIER li jaġixxu bħala persuni ta’ kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 5.1.2026

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni